MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1735/2004

**Giovanni di Bari u Vincenza Colasuonno**

**Vs**

**AIC Joseph J. Xuereb ID 108728M f'ismu personali u kif ukoll f'isem u ghan-nomtas-socjeta` Gevimida Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Settembru 2004 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenuti ihallsu is-somma ta' Lm125.90 (mija hamsa u ghoxrin Lira Maltin u disghin centezmu) rapprezentanti hsarat li saru fuq karru misluf.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-atturi silfu lill-konvenut ‘karru’ tal-hadid sabiex dan jaghmel uzu minnu ghal xi bzonn ta’ garr li ta’ l-ahhar kellu, liema karru ghandu l-valur ta’ madwar hames mitt Lira Maltin (Lm500).

Illi l-karru kien ikkonsenjat lill-konvenut fi stat tajjeb hafna, kien ghadu gdid u ma kellu ebda hsara jew difetti u wisq anqas bzonn ta’ xi riparazzjoni.

Illi meta l-konvenut irritorna lura l-karru lill-atturi wara li ghamel uzu minnu u zammu fil-pussess tieghu ghal zmien relattivament twil, irrizulta illi l-karru kien sofra hafna hsarat u ghandu bzonn xoghol ta’ riparazzjoni fuqu biex jerga` jigi fl-istat originali tieghu, ossia l-istat li fih l-atturi silfuh lill-konvenut.

Illi skond stima miksuba mill-atturi sabiex isiru x-xogholijiet rimedjali fuq il-karru, l-ammont ta’ spejjes involuti jammonta komplessivament ghal mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin u disghin centezmu (Lm125.90), kif ser jirrizulta ahjar fil-kors ta’ din il-kawza.

Illi ghall-hsarat li sofra l-karru huwa responsabbli biss u unikament l-konvenut li kellu l-pussess tal-karru fil-mument li sofra dawn il-hsarat msemmija u li ma hax hsieb tal-karru kif kien obbligat jaghmel skond il-ligi.

Ghaldaqstant, l-atturi qeghdin jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin u disghin centezmu (Lm125.90) rappresentanti d-danni minnhom sofferti kif hawn fuq spjegat, oltre` l-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:

1. Preliminarjament qatt ma kien hemm self tal-karru meritu tal-kawza, izda l-konvenuti offrew lill-atturi li jiggaraxxjawulu bla hlas peress li l-atturi krew garaxx zghir hafna minghand is-socjeta` konvenuta.
2. Dawn il-proceduri gew istitwiti wara li giet istitwita kawza fl-ismijiet: **Gevimida Limited vs Giovanni di Bari et** (Avviz numru 557/04JB), liema kawza hija pendenti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Qabel mill-konvenuti gew notifikati bl-imsemmija proceduri huma qatt ma semmew hsarat fil-karru li kien diga ilu zmien twil fil-pussess taghhom.
3. Il-konvenuti ma kkawzaw l-ebda hsara fl-imsemmi karru stante li huma lanqas biss uzaw dan il-karru. F'dan ir-rigward jigi rilevat li l-istima ta' allegati hsarat pprezentata tidher kemmxejn fittizja ladarba il-karru li huwa forma ta' kaxxa fonda circa metru qed jigi deskritt bhala *"boat trailer"* li cerrtmanet m'huwiex.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-attur jallega li huwa sellef lill-konvenut trailer tieghu u meta taghhulu lura, irritornahulu fi stat hazin tant li kellu jonfoqlu mija hamsa u ghoxrin lira u disghin centezmu (Lm 125.90) biex jirriparah.

Da parti tieghu l-konvenut jallega li dana ma sselef xejn izda semplicement dana iggaraxjahulu.

It-Tribunal f'cirkostanzi simili jrid jiddeciedi l-kaz fuq bilanc ta' probabilita` anchor che l-oneru hu ta' l-attur li jipprova l-kaz tieghu. U f'dan il-kaz l-attur esegwixxa dan l-oneru sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi ghalkemm il-konvenut ikkontesta l-ammont, l-attur irnexxilu anki jipprova l-ammont ta' hsara.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-

attur is-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira u disghin centezmu (Lm125.90), bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------